# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Ġunju, 2023**

**Numru 6**

**Rikors Numru 414/21/1 TA**

**Alexei Zammit Douglas**

**vs**

**Avukat tal-Istat et**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Alexie Zammit Douglas (ir-rikorrent) tat-23 ta' Marzu 2023.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tas-17 ta' April 2023.

Rat ir-risposta ta' Lauraine Aguis tad-9 ta' Mejju 2023.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet lill-minuri Edison Agius waħdu fis-sigrieta fil-presenza tad-Deputat Registratur tagħha.

Rat li ir-rikors tħalla għal-lum għal digriet.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel ma għandu jkun rilevat hu li dan ir-rikors huwa miexi ma' rikors ieħor ta' materja Kostituzzjonali fl-istess ismijiet. Fir rikors l-ieħor b'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Novembru 2021 Lauraine Aguis ġiet imsejħa fil-Kawża. Kemm għaliex dan ir-rikors huwa anċillari għar-rikors l-ieħor u kif ukoll għaliex huwa fl-interess suprem tat-tifel minuri, il-Qorti xorta ammettiet li din tagħmel risposta anke jekk formalment ma jidhirx li ssejħet f'dawn l-atti formalment.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li *stricto iure* r-rimedju ta' ordni *ad interim* ma jesistix taħt il-liġijiet tagħna. Dan ir-rimedju huwa biċċa għodda li għandha l-istatut tagħha l-Qorti Ewropeja iżda mhux dik lokali. B'dan kollu dawn il-Qrati bi prassi mibnija fuq konsiderazzjonijiet tal-ġustizzja biex kemm jista' jkun f'każijiet partikolari u ta' urġenza, biex il-mertu ma jiġix preġudikat pendenti s-smiegħ u t-trattazzjoni ta' kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali ħassew li kellhom jadottaw rimedju simili anke per ekwipollens bis-saħħa tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni partikolarment meta jkunu qegħdin jiġu invokati ksur tal-artikoli Kostituzzjonali. Pero' fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-proċedura dawn il-Qrati imxew fuq deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja.

Kif intqal aktar 'l fuq, din il-Qorti semgħet lill-minuri waħedha fil-presenza tad-Deputat Reġistratur. Mingħajr tlaqliq tgħid, li sabet quddiemha tifel intelliġenti u matur fil-fjur tal-iżvillupp tiegħu. Setgħet tara li fl-iskola sejjer tajjeb, huwa ferħan u jħobb lill-partijiet ugwalment. Għalihom kellu kliem

ta' tifħir għalkemm wera r-rimors tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' bejniethom. Huwa ma jridx li jinqata' minn ma' xi wieħed jew waħda minnhom. Dak li jsib għand ommu ma jsibux għand missieru u vice versa. Hu jaf li t-tnejn iħobbuh u li ħadd minnhom ma jixtieqlu d-deni. Anke esprima x-xewqa b'ċertu maturita' li l-*istatus quo* attwali ma jiġix disturbat.

Din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha okkażjoni tesprimi l-ħsibijiet tagħha f'ċirkostanzi simili meta osservat hekk:

"*F'dawn il-kwistjonijiet, il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha, sa mill-bidu nett minn meta jitqanqlu u mhux f'nofs triq, jekk mhux ukoll lejn tmien il-Kawża, li għalkemm rarament tgħid tagħha, hemm l-aktar persuna interessata: il-minuri. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-osservazzjoni li "access was really a right of the child to see its own parent rather than a parental right." (Ara Grant and Levin. Familty Law Fourth Edition, Sweet & Maxwell pg 109). Tant huwa importanti l-aċċess, li dawn l-awturi jżiedu jispjegaw is-segwenti: "The Court is not, therefore concerned either to reward or punish parents on awarding custody, nor is it concerned with giving effect to parental 'parental rights' (S. v. S. [1976]). In D. v. D. [1976], the mother, who had committed adultery , 'kidnapped' the children whilst they were out walking. It was nevertheless decided that the best interests of the children required Rik. Nru. 104/19TA 26 that she be given their custody, although nothing was sais agsinst the father." (Op. Citata supra pg 109)."* (Ara **Sentenza tat-28 ta' Jannar, 2021 fl-imsijiet AB vs CD**).

Fl-aħħar nett il-Qorti tagħmel ukoll referenza għad-duttrina tal-Qorti Ewropeja dwar l-applikazzjoni tal-ordni *ad interim*:

"*Interim measures are granted in cases involving 'an immenint risk of irreparable damage', In practice, the vast majority of the cases have concerned deportation or extradition proceedings were there are substantial reasons to believe that there exists a real risk of death or ill-treatment in the country of destination*". ( ara **Harris , O'Boyle and Warbrick, Law on the European Conention On Human Roghts. Oxford Pub, 4th Ed, pg 147**).

Issa, kif diga' rilevat din il-Qorti semgħet lit-tifel u ma rriskontrat ebda wieħed mill-elementi fuq imsemmija fis-sens li jinsab fil-perikolu imminenti ta' xi ħsara irreparabbli.

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet rikorrenti.

Spejjes jibqgħu riservati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**